# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2703

**Kaz Nru. 3283/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Joseph Bonanno**

**vs**

**All Services Limited ( C 4372 ).**

***(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).***

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan it-Tribunal Industrijali jibda biex jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appel Kompetenza Inferjuri moghtija fil-5 ta' Ottubru, 2018 mill-Onor. Imhallef Anthony Ellul, fl'Appell Numru 52/2017 u rrefera ghad-Decizjoni moghtija fil-5 ta' Ottubru, 2017 tat-Tribunal Industrijali li ddecieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet minhabba redundancy, fejn l-appellant kien impjegat bhala night receptionist fuq bazi ta' part-time. F' din id-Decizjoni t-Tribunal Industrijali qal :**

**" Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra l-fatti u l-provi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent fuq bazi ta' redundancy kienitx gusta jew le.**

**1) It-Tribunal jaghraf li r-rikorrent twieled fl'1951 kellu l-eta tal-irtirar bil-ligi fl'2012 izda s-socjeta zammitu fl-impieg sal-2014 meta gie redundant.**

**It-Tribunal jaghraf ukoll il-legal notice 351 tal-2012 li hafna stabbilimenti anke simili ghas-socjeta intimata hadu l-istess mizuri.**

**It-Tribunal innota wkoll id-drittijiet il-godda tal-haddiema tal-kuntrattur tas-security.**

**It-Tribunal studja wkoll bir-reqqa l-argumenti tar-rikorrent li l-haddiema tal-kuntrattur tas-security kienu involuti wkoll f'xogholijiet li kien jaghmel r-rikorrent bhala night receptionist.**

**It-Tribunal innota wkoll li s-socjeta intimata kienet sejra hazin kif ukoll il-kwantita ta' serq li kien hemm.**

**It-Tribunal meta kkunsidra l-punti saljenti kollha fosthom li s-socjeta intimata zammet ir-rikorrent fl-impieg wara l-eta ta' l-irtirar, in-nuqqas ta' provi bizzejjed li l-haddiem tal-kuntrattur tas-security kienu jaghmlu l-istess xoghol ta' night receptionist, il-legal notice 351 tal-2012, is-serq li kien hemm fl-istabbiliment, u**

**l-posizzjoni finanzjara li kienet ghaddejja minnha s-socjeta intimata, qed jasal ghad-decizjoni li t-terminazzjoni tar-rikorrent fuq bazi ta' redundancy kienet wahda gusta".**

**2) B'rikors prezentat fis-16 ta' Ottubru, 2017 l-appellant appella mid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali. L-aggravji huma :**

**i. It-Tribunal skarta l-provi li ressaq l-appellant, u cjoe' dak li xehed ix-xhud Kevin Camilleri fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2016.**

**ii. It-Tribunal donnu bbaza d-decizjoni tieghu minhabba l-eta tal-appellant.**

**iii. It-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu fuq l-Avviz Legali 351 tal-2012.**

**3. L-appellata ma pprezentatx twegiba.**

**4. Il-qorti qrat l-atti.**

**5. Ghal dawk li huma fatti, irrizulta li :**

**i. L-appellant kien impjegat mal-appellata bhal part-time night receptionist.**

**ii. Dam jahdem mal-appellata mill-1 ta' Awissu, 2004 sal-20 ta' Gunju, 2014.**

**iii. Ir-raguni li nghatat ghat-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant kienet minhabba redundancy (ara Dok, A a fol. 6).**

**iv. L-appellant twieled fid-19 ta' April, 1952. Ghalhekk fid-data tat-terminazzjoni tal-imppieg kellu 63 sena.**

**6. B'riferenza ghall-ewwel aggravju, Kevin Camilleri kien xhud tal-appellant. Hu ddeskriva x'sabu meta akkumpanja lill-appellant fil-post fejn kien jahdem. Fil-parti tas-sentenza ntestat Provi, it-Tribunal qal:**

**" F'dawn il-proceduri xehedu Richard Cassar – Managing Director All Services Ltd, Miriam Caruana – Rooms Division Manager, Joseph Joe Grech – Director Signal Security u r-rikorrent. Gew esebiti wkoll diversi dokumenti ".**

**7. Il-Kwistjoni li kellu jiddeciedi dwarha t-Tribunal kienet jekk l-appellata tatx prova li t-terminazzjoni tal-impieg kienet redundancy. Mill-atti rrizulta li :**

**i. L-appellata kienet qeghda tirreklama li l-kumpannija kellha "24-hour reception service" (ara document JB1 a fol.98). L-appellata ma tat l-ebda spjegazzjoni ghalfejn fil-website kien ghadu jidher li gewwa Sundown Court Leisure Resort kienet toffri "24-hour reception service", jekk dak is-servizz kien jinghata biss fil-ghodu;**

**ii. Xehed Kevin Camilleri u qal li f'okkazzjoni bil-lejl fit-tard kien akkumpanja lill-appellant fil-post tax-xoghol fejn kien jahdem, u sabu persuna taghmel xoghol ta' receptionist (fol. 115-120) li hu stess qallu "....Ismaghni hawnhekk prattikament xoghol ta' reception ghandi mhux xoghol ta' security igifieri. Dan kliemu...."**

**8 Minn dak li ntqal fis-sentenza tat-Tribuanl hu evidenti li dawn il-provi ma gewx ikkunsidrati mit-Tribunal. Dan hu nuqqas procedurali li fil-fehma tal-qorti jiggustifika l-appell tal-appellant. Punt ta' ligi li hu appellabbli. Il-qorti tqies li kieku t-Tribunal qies dawk il-provi, kellu wkoll jaghti raguni ghalfejn il-provi li ressqet l-appellata kienu iktar b'sahhithom minn dawk li ressaq l-appellant.**

**9. Il-qorti zzid li l-fatt li l-appellanti kienet zammet lir-rikorrent fl-impieg wara l-eta ta' irtirar, mhuwiex relevanti. L-impieg tal-appellant ma kienx terminat minhabba li lahaq l-eta pensjonabbli izda minhabba allegat redundancy. It-Tribunal kellu jiddeciedi jekk inghatatx prova ta' dan.**

**10. Gialadarba l-jedd ta' appell hu biss fuq punt ta' ligi, mhuwiex il-kompitu ta' din il-qorti li taghmel l-apprezzament tal-provi. Dak hu ezercizzju li jrid isir mit-Tribunal. Ghaldaqstant, l-atti ser ikollhom jintbaghtu lura quddiem it-Tribunal sabiex iqies il-provi kollha u jerga jiddeciedi l-meritu.**

**Ghal dawn il-mottivi tilqa' l-appel u thassar id-decisjoni tat-Tribunal Industrijali tal-5 ta' Ottuburu, 2017.**

**Tibghat l-atti lura lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddeciedi dwar il-meritu tal-kaz wara li jqies il-provi kollha li ressqu l-partijiet.**

**Invista tas-Sentenza msemmija hawn fuq it-Tribunal Industrijali beda jismgha diversi provi. Matul il-provi r-rikorrent kien assistit mill-Avv. Abigail Critien u s-socjeta ntimata kienet assistia mill-Avv. Leontine Calleja.**

**Mill-provi jirrizulta, li l-impieg tar-rikorrent ma giex terminat b'rizulat li kien lahaq l-eta tal-pensjoni izda kien gie ssesensjat (redundancy) ghar-raguni li kif tghid is-socjeta kienet ghaddejja minn zmien difficcli.**

**Waqt il-provi s-socjeta tghid ukoll, li ghamlet ri-organizazzjoni fejn itterminat l-impieg ta' numru ta' haddiema nkluz tar-rikorrent li kien jghamel xoghol ta' night receptionist ghax kif tghid il-kumpanija ma kienx hemm bzonn aktar ta' haddiema li jahdmu bhala receptionist.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara li l-kumpanija tterminat lill numru ta' haddiema li kienu mpjegati maghha ghamlet outsourcing lill kumpanija privata tas-securities. Il-kumpanija tghid, li ghamlet dan ghax ma kellix bzonn aktar receptionists u minhabba is-serq li kien hemm kellha bzonn ta' securities.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara li tterminat lill haddiema s-socjeta baqghet topera fil-qasam tat-turizmu u baqghat takkomoda turisti fil-**

**kumpess taghha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta it-turisiti kienu jaslu fil-kumpless dawn kienu jigu milqugha fir-reception fejn kienu jigu allokati l-kmamar u jinzammu l-particulars taghhom fir-reception.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-kumpanija kienet qed tirreklama li kienet tghati lit-turisti 24 siegha servizz ta' receptionist.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li Kevin Camilleri flimkien ma' l-appellant zar il-kumpless u l-persuna li kienet qed tattendi l-post qaltlu li prattikament kien qed jghamel xoghol ta' reception u mhux ta' security.**

**Matul il-provi r-rikorrent jghid, pero ma pprezenta l-ebda dokumentazzjoni biex issostni t-talba tieghu, li huwa ma kienx thallas ta' 12 il-gurnata leave u ta' 32 gurnata leave ghas-snin 2012 u 2013 respettivament. Minn naha tas-socjeta pprezentat dokumentazzjoni u tghid, li l-leave pendenti li kellu r-rikorrent kien thallas kollu f'Gunju ta' 2014 u ma kien hemm l-ebda leave pendenti.**

**Waqt il-provi r-rikorrent jghid, li kien jahdem bejn 56 u 60 siegha fil-gimgha li jammontaw ghal ammont gross ta' €990.22 fix-xahar. Minn naha tas-socjeta tghid, li dan ma kienx minnhu li r-rikorrent kien**

**jahdem dawn is-sieghat u pprezentant dokumentazzjoni li turi, li r-rikorrent kien jahdem medja ta' 77.5 siegha fix-xahar li jammontaw ghal paga gross ta' €344.30 fix-xahar. Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrent kellu part-time jobs ohra u meta spicca mill-impieg ma damx ma sab impieg iehor alternattiv.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrent kien ppartecipa f'diversi korsijiet u kiseb certifikati dwar ix-xoghol ta' security. Minn naha tas-socjeta tghid, li hija ma kienitx konxja li r-rikorrent kellu dawn il-merti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar din il-kwestjoni tax-xoghol u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa dwar il-kwestjoni ta' hlasijiet tal-leave li minn naha tar-rikorrent jghid, li ma kienx thallas taghhom u minn naha tas-socjeta tghid li l-leave pendenti kien thallas u ma kienx hemm aktar leave pendenti x'jiehu r-rikorrent.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li m'hix kompitenza tieghu li jiddeciedi dwar din il-materja ghar-raguni, li l-kompitenza tat-Tribunal Industrijali hija sabiex jiddeciedi jekk it-terminazzjoni ta' l-impieg saritx bi ksur tal-ligi. Ghaldaqstant, jekk ir-rikorrent ihoss li min ihaddmu naqas milli jonora l-kundizzjonijiet tax-**

**xoghol tieghu huwa ghandu jirreferi dan il-ksur tal-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu lill Qorti kompitenti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, il-verzjonijiet tar-rikorrent li kien jahdem bejn 50 u 60 siegha fil-gimgha li dawn jammontaw ghal €990.21 fix-xahar u minn naha tas-socjeta tghid, li r-rikorrent kien jahdem medja ta' 77.5 siegha fix-xahar li jammontaw ghal €344.30 fix-xahar.**

**Rigward dan l-aspett, ghalkemm m'hix il-kompitenza ta' dan it-Tribunal Industrijali biex jidditermina kemm ir-rikorrent kien jahdem sighat fix-xahar pero, it-Tribunal Industrijali jifhem ghal liema raguni l-partijiet indirizzaw dan l-aspett u dan sabiex jekk fl'eventwalita t-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni li kien hemm terminazzjoni ta' impieg li saret b'modd ingust jiehu nkonsiderazzjoni l-figuri msemmija fl'ghoti ta' kumpens.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li ghalkemm dan huwa apsett importanti sabiex fl'eventwalita li t-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni li saret terminazzjoni ta' impieg b'mod ingust u jiehu nkonsiderazzjoni kemm kien id-dhul tal-haddiem u kemm dam barra mill-impieg pero fl'ghoti ta' kumpens it-Tribunal Industrijali jiehu wkoll konsiderazzjonijiet u cirkostanzi ohra tal-kaz u dan ghar-raguni, li jekk ikun hemm haddiem li gie mkecci ngustament u jsib impieg alternattiv l-ghada li jkun gie mkecci mill-impieg ma jiehu l-ebda kumpens ghal terminazzjoni ngusta ta' l-impieg? Jew jekk haddiem li jkun gie mkecci ma jsibx impieg alternattiv jibqa jiehu l-kumpens sal-gurnata ta' l-irtirar tieghu ? Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiehu diversi kundiserazzjonijiet u cirkostanzi meta jasal biex jiddeciedi fuq ghoti ta' kumpens.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li meta ezamina il-provi jirrizulta li meta s-socjeta ssensjat lir-rikorrent ingaggat kumpanija tas-sigurta biex tipprovdielha x-xoghol ta' security u kif jirrizulta wkoll mill-provi s-security li gew ingaggati kienu jghamlu ukoll xoghol ta' reception ma dan, il-kumpanija kienet wkoll baqghet tirriklama li kienet tipprovdi 24 siegha servizz ta' reception.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ma hemm xejn hazin li kumpanija tghamel ri-organizazzjoni tad-dmirijiet tax-xoghol pero kien ikun aktar ghaqli li s-socjeta minflok li tissensja lill haddiema kienet tavvicina lill haddiema li kellha mpjegati maghha, tispjegalhom is-sitwazzjoni tal-kumpanija u tipprova tasal f'arrangament maghhom biex max-xoghol ta' reception jghamlu wkoll xoghol ta' security. Kieku l-kumpanija ghamlet dan il-pass kienet ukoll tiskopri li r-rikorrent b'rizultat tal-korsijiet li ghamel kien ukoll kapaci jghamel ix-xoghol kemm ta' reception kif ukoll ta' security u il-kumpanija kienet tevita li tissensja lir-rikorrent wara tant snin li kien ilu jghati servizz lil kumpanija.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-hieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkusndira sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzzjoni li x-xoghol ta' reception kien ghadu jsir u ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal decizjoni li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent kienet ingusta u bi ksur tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrenti ghandhu jithallas kumpens ta' €1,500 (elf u hames mitt ewro) liema kumpens ghandu**

**jithallas minghand All Services Limited ( C 4372 ) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum : 28 ta' Jannar, 2021**